# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 10 ta' Ottubru, 2019**

**Kawża Nru. 61**

**Rik. Nru. 602/15JRM**

**COLLIS WILLIAMS LIMITED (C – 427)**

vs

**SUPERINTENDENT TAS-SAĦĦA PUBBLIKA** fil-kwalità tiegħu bħala Awtorita' dwar il-liċenzjar ta' spiżeriji u lid-Direttur Ġenerali (Regolazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika) u Chemimart Limited (C – 74)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-19 ta' Ġunju, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi titlob li din il-Qorti (a) issib li l-ħruġ ta' liċenzji favur il-kumpannija mħarrka mill-Awtorità mħarrka jmur lil hinn mis-setgħat mogħtija lilha mill-liġi għaliex sar bi ksur tar-Regolamenti fis-seħħ li jgħoddu għall-ħruġ tal-liċenzi; (b) tirrixxendi, tħassar u tannulla l-liċenzji maħruġa favur il-kumpannija imħarrka, u (ċ) fl-istess waqt, iżżomm sħiħ il-jedd li tressaq azzjoni għad-danni mġarrba jekk ikun il-waqt. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Lulju, 2015[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-3 ta' Awwissu, 2015,[2] li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, (i) qalet li l-azzjoni attriċi tressqet wara ż-żmien li fih messha nfetħet għall-finijiet tal-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u (ii) billi hija milquta mill-ġudikat b'sentenza fi stadju ta' appell f'kawża oħra (Rik. Numru 278/10) mogħtija fil-11 ta' Mejju, 2010. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-kumpannija attriċi m'għandha ebda jedd timponi x'għandu jagħmel is-Superintendent tas-Saħħa, għaliex id-diskrezzjoni fil-ħruġ tal-liċenzji hija f'idejh, aktar u aktar meta s-Superintendent tas-Saħħa mexa ma' ordni mogħtija minn Qorti f'sentenza li saret ġudikat. Minbarra dan, l-appell li s-Superintendent imħarrek ressaq quddiem il-Qorti tal-Appell ġie ċedut u għaldaqstant is-sentenza mogħtija fir-Rikors Ġuramentat numru 594/2007 tal-10 ta' Lulju, 2012 illum hija finali. L-eċċipjenti qalet li l-ilmenti tal-kumpannija attriċi huma fiergħa u vessatorji għaliex mhumiex imsejsa fuq il-liġi, liema liġi permezz tal-Avviż Legali li tirregola l-bogħod li għandu jkun hemm bejn spiżerija w oħra tqiegħed lill-Awtorità mħarrka bħala l-għassiesa tal-interessi tal-konsumatur qabel kull ħaġ'oħra. Għalhekk, iż-żewġ liċenzji D.130 u DL.243 mogħtijin lilha għandhom jinżammu distinti u separati minn xulxin u ma hemm l-ebda raġuni għalfejn għandhom jitħassru;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa wkoll fit-3 ta' Awwissu, 2015[3], mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika fil-kwalità tiegħu ta' Awtorità dwar il-Liċenzjar ta' Spiżerija u Direttur-Ġenerali (Regolazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika), li preliminarjament laqgħu billi qalu (a) li r-Rikors Maħluf ma jagħtix indikazzjoni ċara dwar x'azzjoni qiegħda tressaq s-soċjetà attriċi u taħt liema artikolu tal-liġi, bir-riżultat li ma jistax jilqa' bis-sewwa għat-talbiet attriċi. Illi kemm-il darba l-azzjoni hija msejsa fuq l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12, din waqgħet biż-żmien maħsub skond is-subinċiż (3) ta' l-istess artikolu; (b) Illi kemm il-darba hemm appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Rikors Numru 594/2007), l-azzjoni attriċi saret qabel waqtha, filwaqt illi kemm-il darba ma hemm ebda appell pendenti, josta l-ġudikat billi l-mertu ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Mejju, 2010 fil-kawża numru 278/10; u (ċ) li jonqos fil-kumpannija attriċi l-interess ġuridiku meħtieġ biex tressaq l-azzjoni tagħha. Fil-mertu, ċaħdu li ngħatat liċenzja bi ksur tal-liġi jew lil hinn mis-setgħat li tagħti l-liġi, u seħqu li l-liċenzja mertu ta' din il-kawża ma ssejjaħx bħala sid lill-kumpannija mħarrka. Żiedu jgħidu li l-kumpannija attriċi

[1] Paġġ. 49-50 tal-proċess
[2] Paġġ. 56-58 tal-proċess
[3] Paġġ. 62-65 tal-proċess

m'għandha ebda jedd personali fil-ħruġ ta' din il-liċenzja għaliex il-ħruġ tal-liċenzji taqa' fil-kompetenza tal-Awtorità rappreżentata minnu li tħares biss l-interess tal-lokalità fejn tinsab l-ispiżerija u tal-konsumaturi li jinqdew minnha, u li dik is-setgħa teżerċitaha hi u l-Qorti m'għandhiex il-kompetenza li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-Awtorità mħarrka;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-kumpannija mħarrka waqt is-smigħ tal-11 ta' Novembru, 2015[4], marbuta maċ-ċessjoni tal-appell fir-Rikors Ġuramentat Numru 594/2007 mill-Awtorità mħarrka, fost oħrajn, biex b'hekk is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta tal-10 ta' Lulju, 2012, hija llum finali u tifforma stat bejn l-kumpannija mħarrka u l-Awtorità mħarrka[5]. Din id-dikjarazzjoni wasslet biex fil-11 ta' Diċembru, 2015[6], l-imħarrek Superintendent tas-Saħħa Pubblika rtira b'Nota t-tielet eċċezzjoni preliminari tiegħu marbuta mal-intempestività ta' din l-azzjoni;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Novembru, 2015[7], li bih ordnat li qabel kull ħaġa oħra, tiġi ttrattata l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin, it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija imħarrka u r-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari tas-Superintendent imħarrek;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Diċembru, 2016[8], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka tat-30 ta' Jannar, 2017[9];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Superintendent tas-Saħħa Pubblika tal-31 ta' Jannar, 2017[10];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi tas-16 ta' Marzu, 2017[11] bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[4] Paġ. 78 tal-proċess
[5] Ara Dok. "RF1" f'paġ. 59 tal-proċess
[6] Paġġ. 80 – 1 tal-proċess
[7] Paġ. 78 tal-proċess
[8] Paġ. 149 tal-proċess
[9] Paġġ. 151 – 3 tal-proċess
[10] Paġġ. 154 sa 162 tal-proċess
[11] Paġġ. 169 sa 176 tal-proċess

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Collis Williams") tgħid li l-Awtorità mħarrka ħarġet liċenzja favur il-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Chemimart") biex topera minn spiżerija fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta (Chemimart Republic Street), meta l-istess kumpannija kellha liċenzja oħra biex topera minn fond ieħor ġo l-istess Belt (Chemimart City Gate), bi ksur tar-Regolamenti dwar il-ħruġ ta' liċenzji għal spiżerija u lil hemm mis-setgħat mogħtija mil-liġi lill-istess Awtorità. Għaliex b'hekk issa ġiet li Chemimart għandha żewġ liċenzji favur tagħha meta skond ir-Regolamenti, entità waħda ma jistax ikollha iktar minn post wieħed liċenzjat fl-istess lokalità, kif ukoll ir-Regolamenti jitolbu li jinżamm ċertu bogħod bejn spiżerija u oħra fl-istess lokalità. Għalhekk, Colis Williams qiegħda titlob ir-rexxissjoni, t-tħassir u l-kanċellament tal-liċenzja fuq imsemmija;

Illi għal din l-azzjoni, Chemimart laqgħet b'eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari billi qalet (i) li l-azzjoni attriċi tressqet wara ż-żmien li fih messha nfetħet għall-finijiet tal-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u (ii) billi hija milquta mill-ġudikat b'sentenza fi stadju ta' appell f'kawża oħra (Rik. Numru 278/10) mogħtija fil-11 ta' Mejju, 2010. Laqgħet ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi l-imħarrkin l-oħrajn laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu (a) li r-Rikors Maħluf ma jagħtix indikazzjoni ċara dwar x'azzjoni qiegħda tressaq s-soċjetà attriċi u taħt liema artikolu tal-liġi, bir-riżultat li ma jistax jilqa' bis-sewwa għat-talbiet attriċi. Illi kemm-il darba l-azzjoni hija msejsa fuq l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12, din waqgħet biż-żmien maħsub skond is-subinċiż (3) ta' l-istess artikolu; (b) Illi kemm il-darba hemm appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Rikors Numru 594/2007), l-azzjoni attriċi saret qabel waqtha, filwaqt illi kemm-il darba ma hemm ebda appell pendenti, josta l-ġudikat billi l-mertu ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Mejju, 2010 fil-kawża numru 278/10; u (ċ) li jonqos fil-kumpannija attriċi l-interess ġuridiku meħtieġ biex tressaq l-azzjoni tagħha. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi permezz ta' Nota tal-11 ta' Diċembru, 2015, is-Superintendent imħarrek irtira it-tielet eċċezzjoni preliminari mressqa minnhu fir-Risposta Maħlufa;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari taż-żewġ imħarrkin, jiġifieri dwar jekk l-azzjoni tal-kumpannija attriċi tresqitx fiż-żmien mogħti mil-liġi taħt l-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u dwar it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari taż-żewġ imħarrkin jiġifieri dwar l-applikazzjonmi tal-prinċipju *ne bis in idem* għall-każ odjern; u dwar il-ħames eċċezzjoni preliminari tas-Superentendent imħarrek, jiġifieri n-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-kumpannija attriċi;

Illi bħala fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li Collis Williams għandha liċenzja ta' spiżerija bin-numru DL108 biex tmexxi spiżerija fi Triq ir-Repubblika, Valletta, magħrufa bħala "*Collis Williams*"[12]. Min-naħa l-oħra, Chemimart kellha spiżerija minn f'Bieb il-Belt (fond numru 3), il-Belt Valletta u kellha liċenzja maħruġa fuq l-istess fond bin-numru DL 130[13]. Għal xi żmien, bdiet topera n-negozju tagħha minn fond (numru 20/21) fi Triq ir-Repubblika minħabba l-proġett marbut ma' Bieb il-Belta, u meta tlesta l-proġett, in-negozju reġa' tmexxa għall-fond f'Bieb il-Belt[14];

Illi fl-2007, Chemimart fetħet kawża kontra l-Awtorità tal-Mediċini, it-Tabib Prinċipali tal-Gvern fil-kapaċità tiegħu ta' Supretendent tas-Saħħa Pubblika u bħala l-Awtorità dwar il-Liċenzji, fost oħrajn, sabiex tingħata liċenzja biex tmexxi spiżerija mill-fond numru 21, Triq ir-Repubblika, Valletta, liema talba intlaqgħet minn din il-Qorti diversament presjeduta permezz ta' sentenza mogħtija fl-10 ta' Lulju, 2012[15]. Għal din is-sentenza, l-imħarrkin f'din il-kawża ressqu appell quddiem il-Qorti tal-Appell, imma kienu ċedewh permezz ta' Nota ta' Ċessjoni li ġġib id-data tal-4 ta' Frar, 2015[16];

Illi jirriżulta wkoll li, qabel ma tressqet dik in-Nota ta' Ċessjoni, l-ispizjara membri fil-GRTU, u l-*Malta Chamber of Pharmacists* (ftit taż-żmien qabel kienu wkoll ressqu appell inċidentali kontra Chemimart f'kawża li kien hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell), fil-preżenza taċ-*Chairperson* tal-Awtorità tal-Mediċini għal laqgħa li kienet ssejħet għal dan il-għan, ma oġġezzjonawx għall-ħruġ ta' liċenzja favur Reginal Fava f'isem Chemimart sabiex jiġġestixxi spiżerija mill-fond numru 20/21, Triq ir-Repubblika, Belt, Valletta[17]. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll persuna li kienet taħdem ma' Collis Williams[18];

Illi fil-21 ta' Jannar, 2015, is-Surprintendent tas-Saħħa Pubblika ħareġ liċenza bin-numru DL 243 favur il-kumpannija Kemimport Ltd biex

[12] Dok. "A" f'paġ. 6 tal-proċess
[13] Ara affidavit tat-Tabib Dr Richard Żammit bħala s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika f'pap. 106 tal-proċess
[14] Ara Dok. "I" f'paġġ. 18 sa 30A tal-proċess u Dok. "K" f'paġġ. 40 – 8 tal-proċess
[15] Dok. "J" f'paġġ. 32 - 39A tal-proċess
[16] Dok. "RF1" f'paġ. 59 tal-proċess
[17] Dok. "AS1" f'paġ. 125 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda ta' Anthony Serraċino Inglott f'paġ. 144 tal-proċess

tmexxi n-negozju ta' spiżerija magħrufa bħala "*Chemimart Pharmacy*" mill-fond 20/21, Triq ir-Repubbblika, Valletta[19]. Il-fond numru 20/21 Triq ir-Repubbblika, Valletta huwa biss madwar tnax-il metru 'l bogħod mill-fond minn fejn tmexxi l-ispiżerija tagħha Collis Williams[20];

Illi fis-17 ta' April, 2015[21], Collis Williams ressqet ittra ufficjali kontra s-Superintendent tas-Saħħa Pubblika, id-Direttur Ġenerali (Regolazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika) u Chemimart Limited, fejn talbet ir-rexxiżjoni tal-liċenzja maħruġa favur Chemimart Limited;

Illi fis-16 ta' Ġunju, 2015, infetħet din il-kawża;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonjiet ta' natura legali marbutin mal-każ li huma ta' natura proċedurali u jolqtu s-siwi tal-azzjoni attriċi. Kemm-il darba waħda jew oħra mill-eċċezzjonijiet jintlaqgħu, l-azzjoni attriċi taqa' u l-kawża tieqaf hemm;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**eċċezzjoni li l-kawża ma tressqitx fiż-żmien li trid il-liġi**, l-imħarrkin fil-kawża jgħidu li l-azzjoni attriċi ma tistax tissokta għaliex din ma saritx fi żmien sitt xhur kif huwa meħtieġ li jsir skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi kif sewwa issottomettiet Chemimart, huwa stabbilit illi ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[22], li jfisser li ż-żmien ma jiġix interrott jew sospiż bħal ma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Iż-żmien jibda jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għemil, liema data tiġi l-ewwel[23];

Illi Collis Williams tgħid li saret taf bil-ħruġ ta' liċenzja fuq il-kumpannija mħarrka f'Jannar 2014 minn '*roster*' li tqassam lilhom u li jġib id-data tas-27 ta' Jannar 2014[24]. Min-naħa l-oħra, Chemimart tgħid li s-Superentendent tas-Saħħa Pubblika ħareġ liċenzja favur Kemimport Limited fil-11 ta' Mejju, 2010, u ssanzjona dan wara li daħlu fis-seħħ tar-Regolamenti dwar it-Trasferiment ta' Liċenzji għall-Ispiżerija bl-Avviż Legali 463 tal-2014 fis-16 ta' Diċembru, 2014[25];

---

[19] Dok. "ED1" f'paġ. 88 tal-proċess
[20] Ara Dok. "G" f'paġ. 15 tal-proċess
[21] Ara Dok. "H" f'paġ. 16 tal-proċess
[22] Ara fost l-oħrajn P.A. **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorità tal-Ippjanar*** (mhix pubblikata); P.A. **27.6.2003**, fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***; P.A. **31.5.2002**, fil-kawża fl-ismijiet ***Roberto Zamboni noe. vs Id-Direttur tal-Kuntratti et***; App. Ċiv. **7.10.2005**, fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru***; P.A. **10.11.2008**, fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Mizzi vs L-Awtorità tat-Turizmu et***; u App. Ċiv. **10.5.2009**, fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Victoria Borg et vs Sindku u Segretarju in rappreżentanza Kunsill Lokali Pieta***
[23] Art. 469A(3)
[24] Ara affidavit ta' Eric Fenech Pace f'paġ. 74 tal-proċess
[25] Dok. "ED2" f'paġġ. 89-90 tal-proċess

Illi mix-xhieda u provi mressqa, il-Qorti tqis li fil-fatt il-liċenzja fuq il-fond numru 20/21, Chemimart Pharmacy, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta ssejjaħ lil Kemimport Limited[26]. Fil-fehma tagħha, lil hemm mill-persuna li f'isimha nħarġet il-liċenzja DL 243, il-kumpannija attriċi messha kienet taf li kellha tinħareġ liċenzja fuq il-fond numru 20/21, Triq ir-Repubblika, Valletta sa mill-anqas id-19 ta' Ġunju, 2014, id-data meta l-*General Retailers and Traders Union – Pharmacy Owners' Section* u l-*Malta Chamber of Pharmacists*, waqt laqgħa li ssejħet sewwasew għal dan il-għan, qablu u stqarrew li ma jsibux oġġezzjoni li tinħareġ liċenzja fuq Reginald Fava fuq il-fond numru 20/21, Triq ir-Repubblika, Valletta[27]. Mix-xhieda mogħtija fil-kontro-eżami tal-Ispiżjar Anthony Serraċino Inglott, jirriżulta li preżenti għal dik il-laqgħa kien hemm ukoll persuna li tidher fl-interessi ta' Collis Williams[28];

Illi ħareġ ukoll li Collis Williams kienet saħansitra oġġezzjonat formalment għall-ħruġ ta' dik il-liċenzja u permezz ta' rikors imressaq minnhom fil-5 ta' April, 2010, fi proċeduri quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, talbet li jissejħu fil-kawża spiżeriji oħrajn interessati, liema talba ġiet miċħuda fl-udjenza tas-6 ta' April, 2010[29], u konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Mejju, 2010[30]. Mhux ta' min jiskarta wkoll l-Avviż Legali 463 tas-sena 2014 li kien jolqot mill-viċin lil Collis Williams sewwasew dwar dak li tilmenta minnu f'din il-kawża. Għaldaqstant, il-Qorti ssibha diffiċli tifhem kif Collis Williams fix-xhieda tagħha ma ssemmi xejn dwar dan daqslikieku ma kinetx taf bih;

Illi wkoll kieku l-Qorti kellha twarrab dan kollu, jibqa'l-fatt li Collis Williams naqset li tressaq il-prova kif dokument li jġib id-data tas-27 ta' Jannar 2014 ġie f'idejha biss sena wara, jiġifieri f'Jannar 2015. Fil-qafas ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha, joħroġ ċar li Collis Williams saret taf b'dak li tilmenta minnu fil-kawża tagħha tallum wisq qabel is-sitt xhur li kellha biex tiftaħ din il-kawża;

Illi fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis li l-eċċezzjonijiet preliminari tal-kumpannija mħarrka u tal-imħarrkin l-oħrajn, safejn jitkellmu dwar li l-kawża tressqet wara ż-żmien huma tajba u jistħoqqilhom jintlaqgħu;

Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma, mhuwiex meħtieġ li tgħaddi biex tistħarreġ ukoll l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra;

[26] Dok. "ED1" f'paġ. 88 tal-proċess
[27] Dok. "ED3" f'paġ. 94 tal-proċess
[28] Ara x-xhieda ta' Anthony Serraċino Inglott f'paġ. 144 tal-proċess
[29] Ara Dok. "I" f'paġ. 20 - 21A tal-proċess
[30] Ibid paġ. 29A. Ara wkoll l-affidavit ta' Eric Fenech Pace f'paġ. 74 tal-proċess

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-kumpannija mħarrka u **t-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin l-oħrajn billi huma mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u ssib li l-kumpannija attriċi naqset li tiftaħ din il-kawża fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi;

**Tastjeni** milli tqis aktar l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrkin; u

**Tordna** li **l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-kumpannija attriċi;

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**10 ta' Ottubru, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**10 ta' Ottubru, 2019**